**RELIĠJON - SKEMA TA' MARKI**
**JUNIOR LYCEUM 2008**

**A. Agħżel it-tajba billi tagħmel sing taħtha. (10 marki)**

1. sagrament
2. nitolbu maħfra
3. mmorru nqerru
4. Ġesù
5. naħseb dnubieti sewwa
6. jiddispjaċini li żbaljajt
7. fil-penitenza
8. nħennu u ngħinu.
9. lil Ġesù.
10. l-Għid.

**B. Imla l-vojt. L-ewwel waħda magħmula bħala eżempju. (10 marki)**

2. ġisem
3. dejjem
4. xbieha
5. (i) moħħ (ii) qalb
6. nikbru
7. wlied
8. (i) ix-xitan (ii) il-fidi
9. tagħder

**Ċ. Ikteb talba (ta' 5 sentenzi) lil Alla biex tirringrazzjah ta' l-imħabba tiegħu lejk.**
**(5 x 2 = 10 marki)**

It-talba trid tesprimi sens ta' ringrazzjament lil Alla.
***Għall-ġudizzju ta' l-għalliem.***

**D. (i) Is-Sena Liturġika (6 marki)**

**Qabbel kolonna A ma' kolonna B. L-ewwel waħda magħmula għalik bħala eżempju.**

| | A | | B |
|---|---|---|---|
| 1. | L-Avvent | 4 | Żmien ta' penitenza, talb u ndiema |
| 2. | Il-Milied | 3 | Epifanija |
| 3. | Żmien il-Milied | 6 | Festa tal-qaddisin kollha |
| 4. | Ir-Randan | 2 | L-Iben t'Alla sar bniedem bħalna. |
| 5. | L-Għid | 5 | Ġesù qam mill-mewt. |
| 6. | Pentekoste | 6 | L-inżul ta' l-Ispirtu s-Santu fuq l-Appostli |
| 7. | Żmien matul is-sena | **1** | Nippreparaw għall-miġja ta' Ġesù li se jitwieled. |

**(ii) Agħti żewġ eżempji kif għandna niċċelebraw il-festi reliġjużi b'mod verament nisrani. (4 marki)**

L-enfasi qiegħda fuq '<u>b'mod veramanet nisrani</u>' u l-eżempju li jagħtu jridu jirriflettu dan.
***Għall-ġudizzju ta' l-għalliem.***

**E. (i) Qabbel is-sentenzi / frażijiet ta' l-ewwel kolonna ma' sentenza / frażi mit-tieni kolonna. (6 marki)**

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. | Il-festa tat-tlugħ fis-sema tal-Madonna | 5 | Qalet Marija lill-anġlu Gabrijel. |
| 2. | "Mara, hawn hu Ibnek" | 1 | Il-15 ta' Awissu |
| 3. | Il-ġrajja tat-twelid tal-Madonna. | 4 | Ngħidu hekk fit-talba tas-Sliema u l-Qaddisa. |
| 4. | "Itlob għalina midinbin" | 6 | "Twieled minn Marija Verġni" |
| 5. | "Hawn jien il-qaddejja tal-Mulej" | 2 | Qal Ġesù lil Marija fuq il-Kalvarju. |
| 6. | Fil-Kredu hekk nistqarru | 3 | It-8 ta' Settembru |

**(ii) Ikteb żewġ sentenzi lill-Madonna biex titlob l-għajnuna tagħha. (4 marki)**

B'din it-talba l-istudenti jduru lejn Marija biex jitolbuha l-għajnuna fil-bżonnijiet tagħhom.
***Għall-ġudizzju ta' l-għalliem.***

**F. Salve Reġina: Imla l-vojt. (10 marki)**

Sliem għalik Sultana, omm tal-<u>**ħniena,**</u> ħajja ħlewwa u tama tagħna, sliem għalik. <u>**Lilek**</u> ingħajtu għaliex aħna tturufnati wlied <u>**Eva**</u>, Lilek nitniehdu, aħna li <u>**nibku**</u> u <u>**nolfqu**</u> f'dan il-wied tad-<u>**dmugħ**</u>.

Ejja mela <u>**Avukata**</u> tagħna, dawwar lejna dawk <u>**l-għajnejn**</u> tiegħek tal-ħniena u wrina wara dan it-turufnament lil <u>**Ġesù**</u> frott imbierek tal-ġuf tiegħek. O <u>**ħanina**</u>, O pija, O ħelwa Verġni Marija.

**Ġ. Anniversarju ta' San Pawl (15-il marka)**

1. 2000 sena mit-twelid ta' San Pawl. (marka)
2. biex id-dinja kollha ssir tħobb lil Ġesù. (marka)
3. Il-ġifen tiegħu ħabat ma' xtutna u dawk kollha li kienu fuqu nizlu Malta.
   Hekk Alla ried li San Pawl jiġi Malta. (marka)
4. Fl-10 ta' Frar (marka)
5. Meta San Pawl ħeles mill-għarqa, il-Maltin qabbdu ħuġġieġa.
   (a) Ħarġet ifgħa (marka)
   (b) Għadda l-ħin u ma ġralu xejn./Le (marka)
   (ċ) Bdew jgħidu li kien Alla. (marka)
6. Għallem lill-Maltin li hemm biss Alla wieħed li jħobbna u li bagħtilna lil Ibnu Ġesù / San Pawl għamel ħafna mirakli. (2 marki)
7. San Publju (2 marki)
8. Din it-talba hija l-konklużjoni ta' dan l-eżerċizzju fejn it-tfal jirringrazzjaw lil San Pawl tal-ġid li għamlilna. Dan seta' jseħħ għaliex Alla ippermetta li jgħaddi minn tant diffikultajiet biex jasal Malta. (4 marki)

**G. Is-seba' kmandament: LA TISRAQX**

**(i) Ikteb sentenza fuq kif kull wieħed minn dawn ikun qed jobdi s-sebaʼ kmandament.** **(3 x 2 = 6 marki)**

1. **Tal-ħanut** – Ma jiħux iż-żejjed / ma jagħtikx affarijiet skaduti / jagħmel il-kont sewwa.

2. **Min iħaddem** - għandu jagħti ħlas ġust lill-ħaddiema tiegħu.

3. **Il-ħaddiem** – għandu jagħmel xogħlu kif jixraq.

**(ii) Ikteb 3 sentenzi fuq kif int għandek tobdi s-sebaʼ kmandament.** **(6 marki)**
***Għall-ġudizzju ta' l-għalliem.***

**(iii) Għaliex min jagħmel ħsara lill-ambjent ikun qiegħed jikser is-sebaʼ kmandament?** **(3 marki)**

L-ambjent ħalqu Alla. Huwa ħalqu biex jużah u jgawdih kulħadd. Ħadd m'għandu jagħmel tiegħu l-ambjent li Alla ta lil kulħadd.

**I. Il-Quddiesa**

**(i) Fisser dawn it-taqsimiet fil-quddiesa.** **(5 marki)**

1. **Liturġija tal-Kelma** – Hija l-ewwel parti tal-quddiesa li fiha Alla iwasslilna l-kelma tiegħu permezz tal-qari tal-Bibbja (L-Ewwel Qari – is-Salm – It-Tieni Qari – l-Evanġelu).

2. **Salm Responsorjali -** Huwa innu li bih infaħħru u nirringrazzjaw lil Alla.

3. **L-Evanġelju –** Insibu l-Aħbar it-Tajba ta' Ġesù u t-tagħlim tiegħu.

4. **It-Tqarbin (Sagrament ta' l-għaqda)** – Aħna nirċievu lil Ġesù u Hu jgħaqqadna ħaġa waħda miegħu u jgħaqqadna wkoll flimkien bejnietna..

5. **Is-Sinjal tal-Paċi** – Nagħtu l-paċi biex nuru li aħna ħaġa waħda ma' l-oħrajn, kif aħna magħqudin ma' Ġesù. Il-paċi li nagħtu lil xulxin irridu nkomplu ngħixuha ma' sħabna u man-nies kollha tal-parroċċa.

(ii) **X'jgħid u x'jagħmel is-saċerdot, f'isem Ġesù, fil-quddiesa biex il-ħobż u l-inbid isiru l-ġisem u d-demm ta' Kristu?** **(5 marki)**

Waqt li jieħu l-ħobz u l-inbid f'idejh is-saċerdot jgħid, "Ħudu u kulu dan huwa ġismi." "Ħudu u ixorbu dan huwa demmi."